31982D0869

28.12.1982 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 368/40

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL
tat-13 ta' Diċembru 1982
dwar il-kordinament ta' l-attivitajiet ta' l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-Komunità bil-għan li ssir stima tal-ħtieġa għal, u biex jitħejjew proposti biex tkun stabbilita, sistema ta' informazzjoni inter-istituzzjonali tal-Komunità

(82/869/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 235 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew [1],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali [2],

Billi l-integrazzjoni ta' l-ipproċessar ta' data, l-ipproċessar tat-test u t-telekomunikazzjonijiet wasslet għal teknoloġiji ġodda ta' informazzjoni li jistgħu jintużaw biex itejbu t-tħaddim tax-xogħol tal-Komunità, l-aktar l-iskambju dejjem jiżdied ta' informazzjoni bejn l-istituzzjonijiet tal-Komunità u l-amministrazzjonijiet ta' l-Istati Membri;

Billi l-introduzzjoni mhux ikkordinata ta' teknoloġiji ġodda ta' l-informazzjoni fl-istituzzjonijiet tal-Komunità u fl-amministrazzjonijiet ta' l-Istati Membri tinvolvi l-periklu ta' ostakli ġodda għaċ-ċirkolazzjoni libera ta' l-informazzjoni;

Billi d-definizzjoni ċara tal-possibbiltajiet ta' applikazzjoni u l-ħtiġiet ta' l-utent fl-istituzzjonijiet tal-Komunità u fl-amministrazzjonijiet ta' l-Istati Membri għandu jkollha effett pożittiv fuq l-istabbiliment ta' regolamenti tekniċi għas-sistemi ta' informazzjoni li ma jkunux speċifiċi għall-fabbrikanti individwali, kif ukoll fuq l-estensjoni tan-*networks* pubbliċi tat-telekomunikazzjonijiet u l-użu ta' dawn għas-sistemi ta' l-informazzjoni; huwa għalhekk mistenni li dan jista' jwassal biex ikun hemm inċentivi ta' innovazzjoni għall-industrija;

Billi, għalhekk, huwa mixtieq li tkun stabbilita proċedura ta' kordinament bil-għan li jkunu stabbiliti l-ħtiġijiet ta' l-istituzzjonijiet tal-Komunità u ta' l-amministrazzjonijiet nazzjonali relevanti għal teknoloġiji ġodda ta' informazzjoni, u li jkunu stabbiliti ftehim konġunti għall-iskambju ta' informazzjoni li ma tkunx speċifika għall-fabbrikanti individwali, filwaqt li jitħejjew kont ta' l-istandardizzazzjoni internazzjonali;

Billi, minħabba li s-setgħat speċifiċi ta' azzjoni meħtieġa biex tkun adottata din id-Deċiżjoni ma ġewx previsti fit-Trattat, huwa meħtieġ li jkun invokat l-Artikolu 235 tiegħu,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jikkordinaw l-attivitajiet tagħhom dwar:

1. l-identifikazzjoni u l-istima tal-ħtiġijiet;
2. jekk ikun hemm bżonn, it-tħejjija ta' pjan u programm ta' twettiq;
3. l-istabbiliment ta' ftehim konġunti għall-iskambju ta' informazzjoni li ma tkunx speċifika għall-fabbrikanti individwali, filwaqt li jittieħed kont ta' l-istandardizzazzjoni internazzjonali,

li tkun stabbilita sistema ta' informazzjoni integrata inter-istituzzjonali tal-Komunità (INSIS) li tagħmel possibbli l-użu ta' teknoloġiji elettroniċi ġodda għall-iskambju ta' informazzjoni bejn l-amministrazzjonijiet ta' l-istituzzjonijiet tal-Komunità u l-Istati Membri. L-istituzzjonijiet u l-korpi l-oħra tal-Komunità għandhom jiġu mistiedna biex jieħdu sehem f'dan il-kordinament. Il-Kummissjoni għandha tkun responsabbli li twettaq dan il-kordinament permezz ta' Kumitat Konsultattiv magħmul minn rappreżentanti ta' l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità. It-termini ta' referenza ta' dan il-Kumitat huma definiti fl-Anness.

Artikolu 2

Meta jitwettaq ix-xogħol imsemmi fl-Artikolu 1, il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Kunsill u lill-Parlament u tippreżenta, sa mhux aktar tard minn 12-il xahar wara li din id-Deċiżjoni tkun daħlet fis-seħħ, proposti li hija tqis xieraq.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ mid-data tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Magħmula fi Brussel, fit-13 ta' Diċembru 1982.

Għall-Kunsill

Il-President

U. ELLEMANN-JENSEN

---

[1] ĠU C 125, tas-17.5.1982, p. 170.
[2] ĠU C 343, tal-31.12.1981, p. 4.

ANNESS

KUMITAT KONSULTATTIV

TERMINI TA' REFERENZA

1. **Kompiti ewlenin**

1.1. *Kompitu ġenerali*

Il-funzjoni ġenerali tal-Kumitat Konsultattiv hija li jsostni lill-Kummissjoni f':

— l-identifikazzjoni u l-istima ta' ħtiġijiet,

— jekk ikun hemm bżonn, it-tħejjija ta' pjan u programm ta' twettiq,

— li jistabbilixxi ftehim konġunti għall-bdil ta' informazzjoni li ma tkunx speċifika għall-fabbrikanti individwali, filwaqt li jittieħed kont ta' l-istandardizzazzjoni internazzjonali

għal sistema ta' informazzjoni tal-Komunità (INSIS).

1.2. *Kompiti speċifiċi*

Il-kompiti speċifiċi tal-Kumitat Konsultattiv jinkludu dawn li ġejjin:

1.2.1. biex jgħin lill-Kummissjoni tidentifika ħtiġijiet li jeżistu u oħrajn potenzali,

1.2.2. biex jgħin lill-Kummissjoni tidentifika proġetti relevanti fit-teknoloġija ta' l-informazzjoni li jkunu qed jitwettqu fl-Istati Membri u fl-istituzzjonijiet tal-Komunità,

1.2.3. li jagħti pariri lill-Kummissjoni fuq il-miri ta' proġett ta' l-INSIS u fuq il-prijoritajiet ta' implimentazzjoni,

1.2.4. li jagħti pariri lill-Kummissjoni fuq il-konsistenza tal-pjanijiet ta' l-INSIS ma' l-attivitajiet relevanti fl-Istati Membri u fl-istituzzjonijiet tal-Komunità,

1.2.5. li jagħti pariri lill-Kummissjoni fuq *standards* li huma relevanti għall-INSIS,

1.2.6. li jagħti pariri lill-Kummissjoni fuq il-kordinament bikri ma' l-amministrazzjoni postali u ma' l-industrija.

2. **Il-Frekwenza tal-laqgħat**

F'intervalli ta' madwar xahrejn.

3. Kemm idum ix-xogħol

Madwar tmien xhur.

4. **Parteċipanti**

Sa tliet rappreżentanti minn kull Stat Membru u minn kull istituzzjoni tal-Komunità, bil-membri ta' kull delegazzjoni jkopru kemm jista' jkun il-medda ta' oqsma relevanti u speċjalizzati (tekonoloġija ta' l-informazzjoni, il-ħtiġijiet ta' l-utent, eċċ.).

Is-segretarjat għandu jkun ipprovdut mill-Kummissjoni.